A.L. 70 ta' l-1987

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 92)

Regolamenti ta' l-1987 li Jemendaw l-Iskeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 148 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, il-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1987 li Jemendaw l-Iskeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda".

(2) dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-ewwel ta' Jannar, 1988.

Ihassar it-Taqsima !II ta' l-Iskeda.

2. It-Taqsima III ta' l-Iskeda għandha tiħassar.

Jenumera mill-ġdid it-Taqsima IV ta' l-Iskeda.

3. It-Taqsima IV ta' l-Iskeda u l-partita 53 ta' dik it-Taqsima għandhom jiġu enumerati mill-ġdid rispettivament bħala Taqsima III u partita 52.

Dispożizzjoni transitorja.

4. Minkejja t-tħassir magħmul bir-regolament 2 ta' dawn ir-regolamenti, l-Iskeda għandha tibqa' fis-seħħ għar-rigward ta' atti u testmenti pubblikati qabel l-ewwel ta' Jannar, 1988, hekk kif kienet fis-seħħ minnufih qabel ma daħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti.